MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 463/2007

**Talba Nru: 463/07VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Stanley George Newbold.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm155.46c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1009833 in rigward servizzi lilu rezi fix-xhur bejn Lulju 2006 u Dicembru 2006, bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali

tas-27 ta' Frar 2007 u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm155.46c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------